MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2011

Numru. 103/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Maurice Curmi]**

**vs**

**Anthony Galea**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Galea detentur tal-karta tal-identita` numru 130652(M).

Akkuzat talli:
Fis-17 ta’ Dicembru 2007, u fil-jiem u gimghat ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, ta ordni lil haddiehor biex jaghmel delitt, jew gieghel li d-delitt isir b’mezz ta’ rigali, jew ta struzzjonijiet biex isir id-delitt, jew b’xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tad-delitt, fl-atti illi bihom dawn, taw dikjarazzjoni falza jew

certifikat falz, ai termini tal-Artikoli **42(a),(b),(d) u 185(1)** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, wieghed, ta jew offra, sew b’mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-sub-titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor, ai terminu tal-Artikolu **121A(1)** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U taktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjenement ghamel uzu minn wiehed mid-dokumenti msemmija fl-Artikolu 185 tal-Kodici Kriminali ai termini tal-Artikolu 186 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, ai termini tal-Artikolu **188** tal-Kodici Krminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, halef il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b’ligi li jaghti l-gurament, ai termini tal-Artikolu **108** tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ hija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-ahharnett, il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 17(h), 42(d), 121A(1), 185(2) u 188 li huma assorbiti fl-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante ammissjoni bikrija mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, u stante li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni u stante li l-Qorti hija sodisfatta li l-imputat ma kellux rwol dirett mal-otteniment tal-licenzja de quo, qeghda ssib lill-imputat Anthony Galea hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih salv dawk indikati fil-verbal datat 18 ta' Frar 2011, u cioe` li r-raba' u l-hames akkuzi taht il-provvedimenti tal-Artikoli 108 u 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma rrizultawx u qed tikkundannah tmien (8) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal sena.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------